# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1089

## tat-30 ta' Ġunju 2021

## li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-petriċa fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2021.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-petriċa fiż-żoni 8c, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza jew li huma rreġistrati fi Franza eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2021.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lil Franza għall-istokk tal-petriċa fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 għall-2021 imsemmija fl-Anness, għandhom jitqiesu li huma eżawriti mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza jew li huma rreġistrati fi Franza, għandu jkun ipprojbit mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiftix tal-ħut, tfigħ, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd bl-iskop li jistad dak l-istokk.

2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti, għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdiet imwettqa qabel dik id-data.

3. Il-qabdiet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jittellgħu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li għall-2021 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li japplikaw fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President*
Virginijus SINKEVIČIUS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 08/TQ92 |
| Stat Membru | Franza |
| Stokk | ANF/8C3411 |
| Speċi | Petriċa (*Lophiidae*) |
| Żona | 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1. |
| Data tal-għeluq | 3.6.2021 |